<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem inventat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>
Rumanija	S.C. TERAPIA S.A. Str. Fabricii, nr. 124, Cluj-Napoca, Rumanija	SILUTON 10 mg, capsule	10 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Rumanija	S.C. TERAPIA S.A. Str. Fabricii, nr. 124, Cluj-Napoca, Rumanija	SILUTON 15 mg, capsule	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Rumanija	TEVA PHARMACEUTICALS S.R.L. Str. Domnița Ruxandra nr 12, parter, Sector 2, București Rumanija	SIBUTRAMINĂ TEVA 10 mg, capsule	10 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Rumanija	TEVA PHARMACEUTICALS S.R.L. Str. Domnița Ruxandra nr 12, parter, Sector 2, București Rumanija	SIBUTRAMINĂ TEVA 15 mg, capsule	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Rumanija	ZENTIVA a.s., U kabelovny 130, 102 37 Praga-10 Dolní Měcholupy, Republika Ċeka	LINDAXA 10 mg, capsule	10 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Rumanija	ZENTIVA a.s., U kabelovny 130, 102 37 Praga-10 Dolní Měcholupy Republika Ċeka	LINDAXA 15 mg, capsule	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-sug</u>	<u>Isem inventat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>
Slovakkja	Zentiva, k.s. Evropská 846/176a 160 00 Praha 6 Republika Ċeka	LINDAXA 10	10 mg	Kapsula, iebša	Għal użu orali
Slovakkja	Zentiva, k.s. Evropská 846/176a 160 00 Praha 6 Republika Ċeka	LINDAXA 15	15 mg	Kapsula, iebša	Għal użu orali
Slovakkja	TEVA Pharmaceuticals Slovakkja s.r.o. Teslova 26, 821 02, Bratislava Republika Slovakkja	Sibutramin - Teva 10 mg kapsuly	10 mg	Kapsula, iebša	Għal użu orali
Slovakkja	TEVA Pharmaceuticals Slovakkja s.r.o. Teslova 26, 821 02 Bratislava Republika Slovakkja	Sibutramin - Teva 15 mg kapsuly	15 mg	Kapsula, iebša	Għal użu orali
Slovakkja	Abbott Laboratories Slovakkja s.r.o. Karadžicova 10 821 08 Bratislava Republika Slovakkja	Reductil 10 mg	10 mg	Kapsula	Għal użu orali
Slovakkja	Abbott Laboratories Slovakkja s.r.o. Karadžicova 10 821 08 Bratislava Republika Slovakkja	Reductil 15 mg	15 mg	Kapsula	Għal użu orali

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem inventat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>
Slovenja	Abbott Laboratories d.o.o. Dolenjska c. 242c SI-1000 Ljubljana Slovenja	Reductil 10 mg trde kapsule	10 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Slovenja	Abbott Laboratories d.o.o. Dolenjska c. 242c SI-1000 Ljubljana Slovenja	Reductil 15 mg trde kapsule	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Slovenja	Lek farmacevtska družba d.d., Verovškova c. 57 SI-1000 Ljubljana Slovenja	Sibutramin Lek 10 mg trde kapsule	10 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Slovenja	Lek farmacevtska družba d.d., Verovškova c. 57 SI-1000 Ljubljana Slovenja	Sibutramin Lek 15 mg trde kapsule	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Spanja	ABBOTT LABORATORIES, S.A. Avda. de Burgos 28050 Madrid Spanja	REDUCTIL	10mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Spanja	ABBOTT LABORATORIES, S.A. Avda. de Burgos 28050 Madrid Spanja	REDUCTIL	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem inventat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>
Spanja	TEVA GENERICOS ESPAÑOLA, S.L. Guzmán el Bueno 133 Edificio Britania 4ºIzq. 28003 MADRID Spanja	SIBUTRAMINA TEVA	10mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Spanja	TEVA GENERICOS ESPAÑOLA, S.L. Guzmán el Bueno 133 Edificio Britania 4ºIzq. 28003 MADRID Spanja	SIBUTRAMINA TEVA	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Spanja	IDIFARMA, DESARROLLO FARMACEUTICO Polígono Mocholí. Plaza CEIN 5, Nave B-14Noain (Navarra) Spanja	SIBUTRAMINA IDIFARMA	10 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Spanja	IDIFARMA, DESARROLLO FARMACEUTICO. Polígono Mocholí. Plaza CEIN 5, Nave B-14Noain (Navarra) Spanja	SIBUTRAMINA IDIFARMA	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Svezja	Abbott Scandinavia AB Box 509 169 29 Solna Svezja	Reductil	10 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Svezja	Abbott Scandinavia AB Box 509 169 29 Solna Svezja	Reductil	15 mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-sug</u>	<u>Isem inventat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>
Svezja	Sandoz A/S, C.F. Tietgens Boulevard 40 DK-5220 Odense SØ Danimarka	Sibutramin Sandoz	10 mg	Kapsula, iebসা	Għal użu orali
Svezja	Sandoz A/S, C.F. Tietgens Boulevard 40 DK-5220 Odense SØ Danimarka	Sibutramin Sandoz	15 mg	Kapsula, iebসা	Għal użu orali
Svezja	Teva Svezja AB Box 1070 251 10 Helsingborg Svezja	Sibutramine Teva	10 mg	Kapsula, iebসা	Għal użu orali
Svezja	Teva Svezja AB Box 1070 251 10 Helsingborg Svezja	Sibutramine Teva	15 mg	Kapsula, iebসা	Għal użu orali
Renju Unit	Abbott Laboratories Limited Queenborough Kent ME11 5EL Renju Unit	Reductil 10mg	10mg	Kapsula, iebসা	Għal użu orali
Renju Unit	Abbott Laboratories Limited Queenborough Kent ME11 5EL Renju Unit	Reductil 15mg	15mg	Kapsula, iebসা	Għal użu orali

<u>Stat Membru EU/EEA</u>	<u>Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq</u>	<u>Isem inventat</u>	<u>Qawwa</u>	<u>Għamla farmaċewtika</u>	<u>Mnejn jingħata</u>
Renju Unit	Teva UK Limited Brampton Road Hampden Park Eastbourne, East Sussex BN22 9AG Renju Unit	Sibutramine Hydrochloride 10mg Kapsuli	10mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali
Renju Unit	Teva UK Limited Brampton Road Hampden Park Eastbourne, East Sussex BN22 9AG Renju Unit	Sibutramine Hydrochloride 15mg Kapsuli	15mg	Kapsula, iebsa	Għal użu orali

ANNEX II

**KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI U RAĠUNIJIET GĦAS-SOSPENSJONI TAL-
AWTORIZZAZZJONIJIET GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI

SOMMARJU ĠENERALI TAL-EVALWAZZJONI XJENTIFIKA TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI LI FIHOM SIBUTRAMINE (ARA L-ANNESS I)

Sibutramine huwa inibitur tal-assorbiment mill-ġdid ta' serotonin u noradrenaline li jingħata b' mod orali u li huwa indikat bħala terapija miżjuda għal pazjenti adulti fi ħdan programm tal-ġestjoni tal-piż, inkluż it-tnaqqis fil-piż u ż-żamma tat-tnaqqis fil-piż. Sibutramine għandu jintuża flimkien ma' dieta b'inqas kaloriji u attività fiżika miżjuda fi

- Pazjenti b'obezià nutrittiva u indiċi tal-massa tal-ġisem (body mass index - BMI) ta' 30 kg/m² jew aktar.

- Pazjenti b'piż żejjed nutrittiv u BMI ta' BMI of 27 kg/m² jew aktar, jekk ikunu preżenti fatturi ta' riskju oħrajn relatati mal-obezià bħal pereżempju d-dijabete tat-tip 2 jew dyslipidaemia.

Fl-UE, sibutramine ġie awtorizzat għall-ewwel darba f'Jannar 1999. F'Marzu 2002, ingħata bidu għal referenza skont l-Artikolu 31 minħabba tħassib dwar is-sigurezza fuq il-bażi ta' reazzjonijiet avversi fatali. L-ebda konklużjoni żgura ma ntlaħqet fir-rigward ta' dawn ir-reazzjonijiet u fuq il-bażi tad-dejta disponibbli dwar sibutramine. Għalhekk, is-CHMP ikkunsidra li l-bilanċ tal-benefiċċji-riskji huwa wieħed favorevoli u adotta Opinjoni li tirrakkomanda ż-żamma tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq. Madankollu, l-MAHs kellhom iwettqu studju kbir fuq l-eżitu kardjovaskulari li huwa mfassal biex iqabbel sibutramine ma' plaċebo taħt kura standard għall-ġestjoni tal-piż f' suġġetti ħoxnin iżżejjed jew obeżi ta' età ta' 55 sena jew aktar, li kellhom riskju ta' avvenimenti kardjovaskulari (cardiovascular -CV) fuq il-bażi ta' passat ta' mard dokumentat jew il-preżenza ta' fatturi ta' riskju CV oħrajn bħad-dijabete. L-istudju tal-Eżiti Kardjovaskulari b' Sibutramine (Sibutramine Cardiovascular OUTcomes - SCOUT) beda f'Jannar 2003.

F'Novembru 2009, ingħata bidu għal proċedura skont l-Artikolu 107 tad-Direttiva 2001/83/KE fuq il-bażi ta' riżultati preliminari minn SCOUT li ssuġġerixxew riskju kardjovaskulari miżjud bit-trattament ta' sibutramine meta mqabbel ma' plaċebo. Is-CHMP adotta Lista ta' Mistoqsijiet biex jitlob lill-MAHs jiddiskutu r-riżultati ta' SCOUT, b'attenzjoni partikolari fuq persuni li ma baqgħux jipparteċipaw, avvenimenti avversi, dejta statistika u l-implikazzjonijiet tad-dejta fuq il-bilanċ tal-benefiċċji/riskji u miżuri għat-tnaqqis tar-riskji. SCOUT sar bħala studju ta' superjorità bil-għan li juri tnaqqis fir-rata tal-avveniment ta' eżitu primarju CV (POE, inkluż infart mijokardijaku (myocardial infarction - MI) mhux fatali, arrest kardijaku kkawżat minn attakk mhux fatali u mewta kardjovaskulari minħabba MI jew puplesija) fil-pazjenti trattati b' sibutramine meta mqabbel ma' plaċebo. Għalhekk is-CHMP esprima t-tħassib li ż-żieda fir-rati tal-POEs fil-grupp ta' sibutramine mqabbel ma' plaċebo kienet fil-fatt biżżejjed biex tkun statistikament sinifikanti.

Wara l-valutazzjoni tat-tweġibiet tal-MAHs, is-CHMP ikkunsidra li r-riżultati ta' SCOUT jipprovdu evidenza ta' żieda fir-riskji kardjovaskulari u ċerebrovaskulari assoċjati mal-użu ta' sibutramine f'pazjenti b'riskju għoli. It-trattament b' sibutramine rriżulta f' inċidenza ogħla ta' POEs (l-infart mijokardijaku mhux fatali u l-puplesija kienu speċifikament il-kawżi) meta mqabbel ma' plaċebo f'pazjenti b'passat ta' mard kardjovaskulari (dawn il-pazjenti kienu rikonoxxuti bħala persuni li ma jikkonformawx mas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott (Summary of Product Characteristics - SPC)). F'pazjenti li ġew trattati skont l-SPC approvat, jiġifieri dawk li jikkonformaw, li kienu inqas minn 10% tal-pazjenti li ħadu sehem, kien osservat riskju numeriku kemmxejn miżjud ta' avvenimenti kardjovaskulari meta mqabbel ma' plaċebo, għalkemm in-numri huma żgħar u l-intervalli ta' kunfidenza huma wiesgħin f' dan is-sottogrupp. Sibutramine għolla b' mod sinifikanti l-pressjoni tad-dem (blood pressure - BP) u r-rata tat-tħabbit tal-qalb (heart rate - HR) meta mqabbel ma' plaċebo (għalkemm it-tnejn naqqsu l-pressjoni tad-dem dijastolika u r-rata tat-tħabbit tal-qalb f'pazjenti li kienu qegħdin jtilfu l-piż) li seta' kkontribwixxa għad-differenza osservata fir-rati tal-avveniment CV.

Is-CHMP ikkonkluda wkoll li l-istudju SCOUT jikkonferma li sibutramine għandu, bħala medja, effett modest biss fuq it-tnaqqis tal-piż f'pazjenti obeżi. Id-dejta ta' SCOUT turi benefiċċju aktar baxx meta mqabbel ma' provi preċedenti u mal-meta-analiżi magħmula minn Rucker *et al.* (2007). Bit-

trattamento ta' sibutramine, 30.4% biss tal-pazjenti rreaġixxew (definiti bħala pazjenti li tilfu mill-inqas 5% tal-piż tal-ġisem fi 3 xhur), meta mqabbel ma' 19.5% tal-pazjenti trattati bi plaċebo. Fil-Fażi tal-Bidu (Lead-in Phase) (li matulha s-suġġetti kollha ġew trattati b'sibutramine), il-popolazzjoni bl-intenzjoni għat-trattamento (intent to treat - ITT) kisbet tnaqqis inizjali medju fil-piż ta' 2.6kg bit-trattamento bi sibutramine. Sal-aħħar tal-Fażi ta' Randomizzazzjoni, il-pazjenti li kienu qegħdin fuq sibutramine kisbu tnaqqis medju ieħor fil-piż ta' 0.91kg filwaqt li l-grupp ta' plaċebo kellu żieda medja ta' 1.02kg meta mqabbel mal-kejljiet tal-linja bażika tal-Fażi ta' Randomizzazzjoni. Il-bidla medja fil-piż mil-linja bażika tal-perijodu tal-bidu saż-żjara finali tal-perijodu ta' trattamento għalhekk turi li l-pazjenti li kienu qegħdin jirċievu sibutramine tilfu 1.9kg piż aktar minn dawk li kienu qegħdin jieħdu plaċebo (3.5 kg vs. 1.6 kg). It-trattamento b'sibutramine tal-pazjenti kollha matul il-Fażi tal-Bidu seta' kkontribwixxa għad-differenza aktar żgħira fit-tnaqqis fil-piż bejn il-pazjenti trattati b'sibutramine u bi plaċebo osservata fil-prova SCOUT meta mqabbla ma studji preċedenti. Fil-provi kollha, inkluż SCOUT, it-tnaqqis medju fil-piż b'sibutramine kien 2-4 kg aktar minn bi plaċebo. Wara 12-il xhar trattamento ma nkiseb l-ebda tnaqqis medju addizzjonali bi sibutramine. Barra minn hekk, iż-żamma tat-tnaqqis fil-piż wara l-waqfien tat-trattamento hija dubjuża. Għalkemm il-pazjenti fuq sibutramine kif ukoll il-pazjenti fuq plaċebo kellhom tnaqqis fir-rati ta' avvenimenti CV meta kienu qegħdin jitolfu l-piż meta mqabbla ma' dawk li ma tilfux, l-avvenimenti CV żdiedu bl-użu ta' sibutramine meta mqabbla ma' plaċebo u dan jissuġġerixxi li t-tnaqqis fil-piż li nkiseb b'sibutramine ma kienx bizzżejjed biex jibbilanċja l-effetti avversi CV tiegħu.

Is-CHMP innota li d-dejta ta' SCOUT turi b'mod ċar li l-pazjenti bl-obeżità u mard CV magħruf li kienu qegħdin jieħdu sibutramine huma esposti għal riskju miżjud ta' avvenimenti CV meta mqabbla ma' plaċebo. Il-pazjenti trattati b'sibutramine fi SCOUT kellhom inċidenza statistikament sinifikanti ogħla ta' avvenimenti ta' eżiti primarji meta mqabbla mat-trattamento bi plaċebo (proporzjon ta' periklu (hazard ratio) HR 1.161, p=0.016), ikkawżati minn MI mhux fatali (HR 1.275, p=0.022) u attakk mhux fatali (HR 1.354, 0.026). Dawn l-avvenimenti mhux fatali huma kkunsidrati serji u ta' theddida fuq il-ħajja u jistgħu jkunu assoċjati ma' morbidità konsiderevoli. Is-CHMP ikkunsidra li riskju CV miżjud jista' japplika wkoll għall-pazjenti li jistgħu jingħataw sibutramine għaliex huma ħoxnin iżżejjed jew hemm possibbiltà kbira li l-pazjenti obeżi jkollhom riskju ta' mard kardjovaskulari.

It-tqabbil bejn persuni trattati b'sibutramine li rreaġixxew u persuni trattati bi plaċebo li ma rreaġixxewx (għalkemm dan it-tqabbil jista' jiġi influwenzat minn differenzi fl-imġiba inkluż l-osservanza għad-dieta u l-eżerċizzju u mhuwix tqabbil loġiku jew xjentifiku li għandu jsir) jipprovdi l-benefiċċju/riskju l-aktar favorevoli għal sibutramine. Anke f'dan ix-"xenarju tal-aħjar każ" madwar 1400 pazjent ikollhom bżonn jiġu trattati b'sibutramine biex jevitaw avveniment CV wieħed. Min-naħa l-oħra, it-tqabbil ta' persuni trattati b'sibutramine li rreaġixxew u persuni trattati bi plaċebo li rreaġixxew (tqabbil li ma jqisx is-sejba li aktar pazjenti kisbu tnaqqis fil-piż ta' 5% b'sibutramine meta mqabbel ma' plaċebo) juri numru (ta' pazjenti) li jeħtieġu li jiġu esposti għal sibutramine ta' 347 biex iseħħ avveniment CV addizzjonali wieħed.

Is-CHMP jikkunsidra li l-indikazzjoni u l-kontraindikazzjonijiet approvati attwalment diġà jipprovdu restrizzjonijiet sostanzjali u li restrizzjonijiet addizzjonali ma jkunux prattiċi. Barra minn hekk, għalkemm testijiet ta' eżaminazzjoni CV sofistikati huma disponibbli, tali testijiet la huma affidabbli biex jipprevedu avvenimenti CV futuri u lanqas prattiċi għall-kxif ta' mard CV qabel it-trattamento b'sibutramine. Matul il-laqgħa ta' Diċembru 2009, wara l-Ispjegazzjoni Orali tal-MAHs, is-CHMP għalhekk adotta Lista ta' Kwistjonijiet Pendenti, biex jitolbu lill-MAHs biex jiddiskutu aktar, fuq il-bażi tad-dejta ta' SCOUT, kwalunkwe popolazzjoni ta' pazjenti potenzjali li fiha jista' jiġi stabbilit bilanċ pożittiv tal-benefiċċji/riskji, l-evidenza ta' kwalunkwe effett favorevoli tat-trattamento b'sibutramine meta mqabbel ma' plaċebo u miżuri oħrajn għat-tnaqqis tar-riskji. Is-CHMP talab ukoll li ssir laqgħa tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku (Scientific Advisory Group - SAG) għad-Dijabete/Endokrinoloġija f'Jannar biex tiġi pprovduta informazzjoni esperta addizzjonali.

Id-dejta stratifikata mill-grupp ta' riskju CV turi li l-grupp tas-"CV + DM" (mard kardjovaskulari u dijabete tat-Tip 2) kellu l-ogħla riskju ta' POE, segwit mill-grupp "CV Biss" (mard kardjovaskulari) u l-grupp "DM Biss" (dijabete tat-Tip 2). Madankollu, għalkemm ma kien hemm l-ebda evidenza ta'

riskju miżjud ta' POE jew mortalità fi ħdan il-grupp tad-DM Biss, l-evidenza tal-benefiċċju kienet ikkunsidrata bħala waħda dgħajfa. Barra minn hekk, żieda fit-tul tal-użu kellha t-tendenza li żżid ir-riskju ta' POE mhux fatali f'dan is-sottogrupp u l-istima puntwali għal POE mhux fatali kellha tendenza lejn ħsara fil-punt taż-żmien ta' tliet snin. Is-CHMP issuġerixxa wkoll li l-influenza tas-sess fi ħdan dan is-sottogrupp (61% nisa meta mqabbel ma' 32-37% fil-grupp ta' CV Biss u 36% fil-grupp ta' CV + DM) titlob li tiġi kkunsidrata, minħabba li l-analiżi tar-regressjoni tal-Cox tissuġerixxi li n-nisa għandhom riskju aktar baxx b'40% ta' eżitu primarju mill-irgħiel. Il-kurva Kaplan-Meier turi riskju miżjud bikri ta' POE u żieda aktar bikrija għal POE mhux fatali. Il-MAHs enfasizzaw ukoll il-benefiċċju mit-tnaqqis fil-piż indott minn sibutramine matul il-perijodu tal-Bidu u ssuġġerew li dan jaffettwa r-riżultati tal-grupp ta' plaċebo. Dan ġie rikonoxxut, madankollu s-CHMP ikkunsidra li d-dejta turi li r-riskju ta' avvenimenti CV għall-pazjenti li komplew fuq sibutramine kien ogħla milli li kieku komplew fuq plaċebo. Barra minn hekk, is-CHMP innota l-esklużjoni ta' 231 pazjent b'riskju għoli b'HR u/jew BR ogħla matul il-Perijodu tal-Bidu, li x'aktarx inaqqs u jagħti stima aktar baxxa tar-riskju ta' avvenimenti CV fil-grupp ta' sibutramine minħabba li tali monitoraġġ regolari u bir-reqqa tal-BP u tal-HR probabbilment ma jiġix implimentat fis-sħiħ fil-prattika klinika. Il-MAHs ipprovdew dejta dwar titjib fil-markaturi ta' sostituzzjoni assoċjati mat-trattament b'sibutramine iżda s-CHMP innota li minkejja dawn l-effetti, ġie osservat riskju kardjovaskulari miżjud, u ma kien hemm l-ebda benefiċċju ieħor aktar minn dawk relatati indirettament mat-tnaqqis fil-piż.

Is-CHMP ivvaluta l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji proposti iżda ma nnota l-ebda bidla fil-popolazzjoni indikata attwalment u l-ebda prova addizzjonali għal kundizzjonijiet kardjovaskulari moħbija minbarra dawk diġà elenkati fl-SPC. Is-CHMP għaraf li l-identifikazzjoni u l-esklużjoni ta' pazjenti b'riskju ta' mard CV hija diffiċli, għax l-obeżità innifisha hija fattur ta' riskju għal mard CV. Il-miżuri edukattivi proposti (inklużi ittri ta' Komunikazzjoni Professjonali Diretta dwar il-Kura tas-Saħħa (Direct Healthcare Professional Communication - DHPC), dokumenti b'mistoqsija u tweġiba, ċentru ta' sejħiet u websajt sikur u reġistri għall-intraċċar ta' pazjenti) ma kinux ikkunsidrati bħala li x'aktarx inaqqsu r-riskju għall-pazjenti jew bħala li jippermettu l-identifikazzjoni ta' pazjenti b'mard CV moħbi għax kumplikazzjonijiet aterosklerotiċi ma jistgħux jiġu dijanjostikati permezz ta' kejljiet ta' BP, HR jew it-tnaqqis fil-piż. Reviżjoni tal-imballaġġ biex id-disponibbiltà għal provvista tiġi limitata għal xahar ma kinitx ikkunsidrata li tnaqqas ir-riskju kardjovaskulari miżjud assoċjat ma' sibutramine u r-restrizzjoni għal riċetta għal xahar mhijiex xierqa għal prodott preskritt għal kura primarja għal kundizzjoni li qiegħda tkun aktar u aktar prevalenti. Barra minn hekk, meta wieħed jikkunsidra d-diverġenza ċara tar-riskji bejn il-pazjenti trattati b'sibutramine u plaċebo f'punt bikri tat-terapija, is-CHMP ma qabilx li d-dejta tappoġġa tul ta' trattament ta' sena. Bl-istess mod, iċ-ċiklu ta' sena għar-rapport tal-PSUR propost ma kienx ikkunsidrat li jipromwovi l-konformità mal-SPC fir-rigward tar-riċetta. Bħala konklużjoni, is-CHMP ikkunsidra li l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju proposti kienu inadegwati biex jiżguraw il-konformità mal-SPC jew biex inaqqsu b'mod adegwat ir-riskji kardjovaskulari u ċerebrovaskulari potenzjali.

Benefiċċji/riskji

Bħala konklużjoni, is-CHMP kien tal-opinjoni li r-riżultati tal-istudju ta' SCOUT huma ta' tħassib. Għalkemm il-maġġoranza tal-pazjenti inklużi fl-istudju SCOUT ma kinux jingħataw sibutramine normalment, minħabba li din il-mediċina hija kontraindikata f'pazjenti b'mard CV magħruf, riskju CV miżjud huwa wkoll rilevanti għall-użu kliniku ta' sibutramine għaliex il-pazjenti ħoxnin iżżejjed jew obeżi għandhom it-tendenza li jkollhom riskju għal mard CV. Barra minn hekk, huwa impossibbli li pazjenti b'mard kardjovaskulari moħbi jiġu esklużi milli jirċievu sibutramine anke jekk jiġu stabbiliti miżuri għat-tnaqqis tar-riskji. L-istudju SCOUT sar bħala studju ta' superjorità bil-għan li juri tnaqqis fir-rata tal-POE fil-pazjenti trattati b'sibutramine meta mqabbel ma' plaċebo. Meta wieħed jikkunsidra l-effikaċja modesta tiegħu u r-riskji magħrufa ta' sibutramine, l-evidenza statistikament b'saħħitha ta' riskju miżjud ta' MI mhux fatali u attakk f'pazjenti b'marda CV jew dijabete tat-Tip 2 bit-trattament b'sibutramine meta mqabbel ma' plaċebo għalhekk hija ta' tħassib konsiderevoli. L-użu attwali ta' sibutramine diġà huwa ristrett b'mod sostanzjali mill-SPC u l-ebda restrizzjoni oħra utli jew Prattika ma ġiet identifikata. Barra minn hekk, ma kienx possibbli, fuq il-bażi tad-dejta ta' SCOUT u studji ppubblikati jew mhux ippubblikati, li jiġu identifikati gruppi ta' pazjenti li jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' sibutramine mingħajr riskju kardjovaskulari miżjud.

Effetti ta' benefiċċju oħrajn fuq pazjenti fir-rigward ta' klassifika tas-sistema tal-organi ma ntwerewx b'mod konvinċenti.

Fid-dawl tas-sejbiet imsemmijin hawn fuq, is-CHMP ikkonkluda li l-proporzjoni tal-benefiċċji/riskji għall-prodotti mediċinali li fihom sibutramine mhuwiex ikkunsidrat bħala wieħed favorevoli u rrakkomanda s-sospensjoni tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq għall-prodotti mediċinali li fihom sibutramine msemmin fl-Anness I.

RAĠUNIJIET GĦAS-SOSPENSJONI TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Il-Kumitat ikkunsidra d-dejta mill-istudju SCOUT, it-tweġibiet tal-MAHs għall-mistoqsijiet tas-CHMP, ir-rapport mill-SAG għad-Dijabete u l-Endokrinoloġija u d-diskussjonijiet fi ħdan il-Kumitat,

Billi,

- Il-Kumitat ikkunsidra l-proċedura skont l-Artikolu 107 tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendata għall-prodotti mediċinali li fihom sibutramine,
- Il-Kumitat ikkonkluda li l-istudju SCOUT wera riskju miżjud ta' avvenimenti kardjovaskulari serji f' suġġetti b' mard kardjovaskulari bl-użu ta' sibutramine u minħabba l-fatt li s-suġġetti ħoxnin iżżejjed għandhom it-tendenza li jkollhom riskju ta' mard kardjovaskulari, ir-riskji identifikati fl-istudju SCOUT huma kkunsidrati rilevanti għall-użu kliniku ta' sibutramine,
- Il-Kumitat ikkunsidra li t-tħassib dwar is-sigurezza kardjovaskulari mhux kontrobalanċjat b' mod adegwat bl-effetti ta' benefiċċju ta' sibutramine għaliex, bħala medja, it-tnaqqis fil-piż miksub bil-mediċina huwa wieħed modest, u jista' jkun li ma jinżammx wara li jitwaqqaf it-trattament,
- Il-Kumitat ikkunsidra aktar li popolazzjoni ta' pazjenti li fiha il-prodotti mediċinali li fihom sibutramine għandhom benefiċċji/riskji pożittivi ċar ma tistax tiġi identifikata fuq il-bażi tad-dejta attwali,
- Il-Kumitat ikkunsidra li l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji proposti mill-MAHs ma jiżgurawx konformità mal-SPC jew ma jipproteġux b' mod adegwat is-saħħa pubblika,

Is-CHMP ikkonkluda li l-bilanċ tal-benefiċċji/riskji tal-prodotti mediċinali li fihom sibutramine jiġi affettwat b' mod avvers mir-riżultati tal-istudju SCOUT u huwa kkunsidrat bħala wieħed negattiv.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(2) tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendata, il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem tal-Aġenzija (Committee for Medicinal Products for Human Use - CHMP) adotta opinjoni li tirrakkomanda s-sospensjoni tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq għall-prodotti mediċinali kollha li fihom sibutramine (ara l-Anness 1). Is-CHMP irrakkomanda wkoll li hemm bżonn ta' miżuri temporanji u għalhekk jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li l-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-prodotti mediċinali li fihom sibutramine jiġu sospiżi immedjatament fl-Istati Membri tal-UE kollha kkonċernati sakemm jiġu adottati l-miżuri finali.

Sabiex is-sospensjoni titneħħa, id-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għandhom jipprovdur dejta konvinċenti biex jidentifikaw popolazzjoni ta' pazjenti li fiha tista' tintwera l-effikaċja miżmuma u klinikament importanti ta' prodotti li fihom sibutramine, u li fiha, il-benefiċċju huwa b' mod ċar akbar mir-riskji tagħha (ara l-Anness III)

ANNEX III

KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TNEĦĦIJA TAS-SOSPENSJONI

Sabiex titneħħa s-sospensjoni, id-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għandhom jipprvodu lill-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali b'dan li ġej:

Dejta konvinċenti biex tiġi identifikata popolazzjoni ta' pazjenti li fiha tista' tintwera l-effikaċja miżmuma u klinikament importanti ta' prodotti li fihom sibutramine, u li fiha, il-benefiċċju huwa b'mod ċar akbar mir-riskji tagħha.